MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 257/2012

**M. Demajo (Timbers) Ltd (C 750)**

**vs**

**DIS Companies Limited (C 47833)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat fl-1 ta’ Awissu 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha s-somma ta’ hamest elef, tlett mija u tlettax-il Ewro u disghin centezmi (€5,313.90) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija, ossia injam mibjugha u kkonsenjata lilha, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok ‘A’, bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuta mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, minn issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Semghet lil Gaetano Cordina jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012. Dan ikkonferma illi fil-mori tal-kawza l-pretensjoni tas-socjeta' attrici kif kontemplata fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici giet imhallsa u b'hekk is-sorte u cioe' l-ammont ta' hamest elef tliet mija u tlettax-il Ewro u disghin Ewro centezmu (€5,313.90) gew imhallsa. Ikkonferma wkoll illi kontestwalment meta' s-socjeta' attrici pprezentat ir-rikors promotur hija pprezentat ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u li permezz ta' dan il-Mandat Numru 2129/2012 giet maqbuda s-somma ta' hamest elef tliet mija u tlettax-il Ewro u disghin Ewro centezmu (€5,313.90) kif pretiza minnhom u dan skond cedola ta' depozitu numru 1597/2012 ezebita fl-atti u mmarkata bhala Dokument GC1. Ikkonferma wkoll illi s-socjeta' attrici kienet ukoll baghtet ittra legali lis-socjeta' konvenuta fejn talbitha l-hlas pretiz minnha fl-ammont imsemmi fir-rikors promotur.

Il-Qorti nnutat illi s-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda eccezzjonijiet ghalkemm baghtet ir-rapprezentant legali taghha ghal diversi udjenzi fejn kien hemm tama ta' possibilta' ta' transazzjoni pero' dakinhar tat-22 ta' Novembru 2012, il-Qorti giet infurmata illi t-transazzjoni ma sehhietx.

Il-Qorti semghet il-partijiet jitrattaw u cioe' l-Avukat difensur tas-socjeta' attrici jinsisti illi s-socjeta' konvenuta ghandha tkun responsabbli ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri filwaqt li l-Avukat difensur tas-socjeta' konvenuta ssostni illi hija m'ghandha tbaghti l-ebda spejjez peress illi l-pretenzjoni msemmija fir-rikors promotur giet saldata.

**Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi peress illi s-socjeta' konvenuta ma hallsitx id-debitu taghha qabel ma nfethu l-proceduri odjerni, m'ghandhiex tkun is-socjeta' attrici li taghmel tajjeb ghall-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta.**

**Konsegwentement, il-Qorti tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri nkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi Numru 2129/2012.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------